# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. numru 150/92 AJM**

**Diana mart Edgar Gatt, David Tonna, Emily armla Manara, Peter Cilia Lia Corte bhala prokuratur ta' l-assenti wliedu John u Victor Cilia La Corte u l-istess Edgar Gatt bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu u b'digriet tad-29 ta' April 1994 gew ammessi jintervjenu in statu et terminis Fiorella mart Joseph Grima u Marco ahwa Manara u Sergio Manara bhala mandatarju tal-assenti Raymond u l-assenti Alexander ahwa Manara u fil-21 ta' April 1994 l-Avukat Peter Caruana Galizia assuma r-rappresentanza ta' l-assenti John Cilia La Corte stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-prokuratur precedenti Peter Cila La Corte u b'digriet tal-31 ta' Jannar 1997 konsegwenti l-mewt ta' Emily Manara l-gudizzju ghall-interess taghha gie trasfuz f'isem Sergio Manara f'ismu prorpju u bhala mandatarju tal-assenti huh Alex Manara u l-assenti ohtu Thelma Maria Barton**

**vs**

**Vincent Said**

**Il-Qorti;**

## L-ATT TAC-CITAZZJONI

L-atturi procedew kontra l-konvenut quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "L-atturi wara li ppremettew li huma jipposjedu kwota indivisa tat-territorju imsejja "Ix-Xaghra tal-Ghattuka" f'Bingemma, limiti Rabat kif murija delineata bl-ahmar fuq l-anness dokument A ; illi xi snin ilu l-konvenut kien inghata permess biex juza ghall-kacca, b'titolu prekarju ; illi l-atturi indunaw li fil-fatt il-konvenut bena xi kmamar, ghamel giebja u gab partita hamrija u qed juzaha minflok ghall-koltivazzjoni ; illi meta l-konvenut gie interpellat biex inehhi kull ma ghamel u jerga jaghmel kollox kif kien fl-imsemmi territorju dan irrifjuta li jaghmel hekk u ppretenda li issa ghandu l-proprjeta' assoluta tal-istess territorju; talbu lil din il-Qorti :-
>
> 1. Tiddikjara li l-konvenut kien qieghed jokkupa l-istess territorju b'titolu prekarju minghand l-atturi ;
>
> 2. Tikkundannah jizgombra u johrog mill-istess territorju fi zmien qasir u perentorju ;
>
> 3. Tikkundannah iwaqqa u jnehhi l-kmamar u l-giebja li kkostruwixxa minghajr il-permess tas-siden u jnehhi l-hamrija kollha li gab u fin-nuqqas li jaghmel dan fi zmien stabbilit minn din l-istess Qorti jigu awtorizzati l-atturi jaghmlu dan ix-xoghol a spejjes tal-istess konvenut.
>
> Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 1991 kontra l-konvenut."

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

> "1. Preliminarjament l-atturi huma tenuti jipprovaw l-allegat titolu taghhom fuq it-territorju in kwistjoni u fin-nuqqas ta' dan it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Illi jekk jirrizulta illi l-atturi m'ghandhomx titolu komplet imma biss kwota indivisa, allura t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minhabba illi l-gudizzju mhux integru u ghalhekk hemm il-karenza tal-interess tal-atturi.

3. Fil-mertu, t-talbiet tal-atturi jinsabu kollha preskritti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi ghal dawn l-ahhar erbghin sena u aktar uninterrottament it-territorju in kwistjoni kien fil-pussess komplet tal-konvenut 'uti domino' u hekk ghadu fil-present u ghalhekk illum dan jappartjeni lilu esklussivament."

**NOMINA TA' PERITI**

L-ewwel Qorti hatret lill-avukat Dottor Carmelo Vassallo bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Il-perit legali rrelata kif inkarigat u billi l-konvenut hass ruhu aggravat bir-relazzjoni tieghu, din il-Qorti hatret periti addzzjonali u cioe' lill-avukati Dottor Philip Sciberras, Profs. Ian Refalo, Dottor Peter Borg Costanzi biex jindagaw ulterjorment il-mertu kif effettivament ghamlu.

**DECIDE**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut laqghet zewg talbiet tal-atturi u ghalhekk iddikjarat illi l-konvenut qieghed jokkupa t-territorju maghruf bhala "Ix-Xaghra tal-Ghattuka" b'titolu

prekarju. Konsegwentement ikkundannat lill-istess konvenut jizgombra u johrog mill-istess territorju fi zmien xahar mid-data tas-sentenza. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti cahdet it-tielet talba attrici in kwantu x-xogholijiet hemm imsemmija kienu benifikati ghall-art in kwistjoni u fl-istess hin irriservat kull dritt spettanti lill-konvenut ghall-kumpens ghall-imsemmija benifikati. L-ispejjez fic-cirkostanzi kellhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> “F'din il-kawza l-atturi, bhala komproprjetarji tal-fond indikat fic-citazzjoni, qieghed jitolbu li l-konvenut jizgombra mill-istess fond (l-ghalqa tal-Ghatuka, Bingemma, l/o Rabat) u inehhi xi kamra li ghamel minghajr il-kunsens ta' l-istess atturi.
>
> Il-konvenut qieghed jeccepixxi li l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom, illi l-gudizzju mhux integru u illi l-konvenut hu proprjetarju tal-ghalqa imsemmija billi ilha fil-pussess tieghu uti dominus ghall-ahhar 40 sena.
>
> L-azzjoni li qieghed tigi intentata mill-atturi ghalhekk hija l-azzjoni rivendikatorja billi l-oggett tal-kawza hija bicca art fil-pussess tal-konvenut u li l-atturi jippretendi li hi taghhom u jridu johduha minn idejn il-konvenut. L-ewwel haga li l-atturi jridu jipprovaw f'din ix-xorta ta' procediment huwa t-titolu taghhom ghall-art rivendikata u mhux bizzejjed li jipprovaw li l-art mhux tal-konvenut u f'kaz li l-atturi jirnexxielhom jippruvaw il-proprjeta' tal-haga, biex il-konvenut jirbah il-kawza jrid jopponi titolu ahjar minn ta' l-atturi - haga li jista' jaghmel u qed jittenta li jaghmel billi eccepixxa l-preskrizzjoni akkwisittiva.
>
> L-ewwel konkluzjoni li trid tigi indaga hija l-posizzjoni ta' l-atturi bhala proprjetarji ta' prti indivisa tal-istess territorju, naxxenti mill-

eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju sollevata mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu.

**L-eccezzjoni illi l-gudizzju mhux integru.**

Mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li l-atturi ghandhom biss kwota indivisa tat-territorju imsemmi. Kien ghalhekk li l-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minhabba illi l-gudizzju mhux integru u ghalhekk hemm il-karrenza ta' l-interess ta' l-atturi.

Din l-eccezzjoni giet skartata sew mill-ewwel perit legali, kif ukoll mill-periti perizjuri, inkwantu l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, sostnuta minn diversi awturi, dejjem esprimiet ruuha fis-sens li "Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu d-dritt jezercita l-azzjoni rivendikatorja sahansitra jekk il-kwota tieghu tkun incerta ; u jista' jezercitaha minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra, u sahansitra kontra l-volonta' taghhom," (vide f'dan ir-rigward Carmela Zammit vs Carmelo Zammit et Vol XLIII pag. 778 - 15/10/99).

Il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tad-diversi sentenza riportati mill-abbli periti legali fir-rapporti taghhom, kif ukoll tas-sottomissjonijiet taghhom, taqbel pienament mal-konkluzjonijiet tal-abbli periti u ghalhekk filwaqt li taghmel il-konkluzjoni kontenuti fir-rapporti bhala taghha, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

**It-titolu.**

L-ewwel parti legali ghamel ezami minuzjuza tad-dokumenti kollha ezebiti u tal-provi l-ohra kollha u wasal ghall-konkluzjoni li Marietta Tonna, l-awtrici ta' l-atturi, kienet akkwistat b'diversi atti, kwota mill-fond in kwistjoni u l-atturi, bhala eredi taghha, ghalhekk huma komproprjetarji tal-istess u allura huma kellhom id-dritt jezercitaw din l-azzjoni bhala tali. L-istess perit ghalhekk ikkonkluda li l-prova mehtieg in forza ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet giet sodisfatta.

F'din il-konkluzjonijiet tieghu l-ewwel perit legali gie konfortat mill-periti perizjuri li waslu ghall-istess konkluzjoni wara li raw l-mod minuzjuz ta' l-ezami li sar mill-ewwel perit. Din il-Qorti hi ta' l-istess fehma u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Preskrizzjoni akkwizittiva**

It-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija bazata fuq l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili li jghid li "L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' buona fidi."

Qed jinghad mill-konvenut li t-talbiet ta' l-atturi jinsabu kollha preskritti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi ghal dawn l-ahhar erbghin sena u aktar uninterrotament it-territorju in kwistjoni kien fil-pussess komplet tieghu "uti domino" u hekk ghadu fil-present u ghalhekk illum dan jappartjeni lilu esklussivament.

Irrizulta mill-provi prodotti quddiem l-perit gudizzjarju illi l-konvenut dahal jokkupa l-fond in kwistjoni fl-1952 u ghalhekk kien hemm pussess kontnwu u mhux interrott ghal izjed minn tletin sena. Izda sabiex tigi akkolta l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u b'hekk il-proprjeta' in kwistjoni dikjarata bhala appartenenti lill-istess konvenut, mhux bizzejjed il-pussess ininterrott ghaz-zmien stabbilit izda tali pussess irid ikun ukoll pacifiku, pubbliku w mhux ekwivoku b'mod li l-possedent ikun jidher li qed jezercita dritt assolut u esklussiv u mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-buona grazzja jew tolleranza.

Mill-provi prodotti quddiem il-perit gudizzjarju rrizulta li l-pussess mill-konvenut tat-territorju in kwistjoni la kien inekwivoku billi l-istess konvenut ma kienx cert b'liema titolu kien qed jipposjedi - ara per ezempju x-xhieda ta' l-istess konvenut meta kien jghid lill-terzi li kien jiddetjeni l-post b'kera, u meta kien jokkupa l-art ghal kacca b'arrangjamenti ma' Edgar Gatt, ir-ragel ta' wahda mill-komproprjetarji. Lanqas ma kien esklussiv billi rrizulta li dan it-territorju kien jigu wzat minn diversi persuni ohra ghal kacca. Lanqas fl-ahharnett ma jirrizulta li l-pussess tal-konvenut kien wiehed pubbliku billi ma jirrizultax illi l-konvenut xi darba kkonfronta l-pussess tieghu vis-a-vis l-atturi proprjetarji.

Il-perit gudizzjarju in bazi ghal dawn il-fatti, konfortat ukoll mis-sottomissjonijiet tal-periti addizzjonali, wasal ghall-konkluzjoni li l-pussess tal-konvenut ma kienx jissodisfa r-rekwiziti ta' l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens illi l-konvenut huwa obbligat jirrestitwixxi l-fond rivendikat. Din il-Qorti evalwat il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-periti mahtura minnha taqbel pienament ma' dawn il-konkluzjonijiet u ghalhekk taghmilhom maghha.

**Domanda ghall-izgumbrament mill-fond kollu.**

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jghid illi jekk l-atturi rnexxielhom izommu s-sehem taghhom, huwa xorta wahda ghandu d-dritt jibqa' jgawdi l-fond kollu bhala proprjetarju sakemm issir id-divizjoni. Din is-sottomissjoni giet skartata mill-periti gudizzjarji kollha inkwantu giala darba uhud mill-komproprjetarji ghandhom id-dritt ghall-azzjoni rivendikatorja fil-konfront tal-proprjeta' kollha stante d-dritt taghhom ghall-uzu tal-proprjeta' kollha qua komproprjetarji, l-izgumbrament irid isir mill-fond kollu kif mitlub fic-citazzjoni. Ma dan taqbel ukoll din il-Qorti.

**Benifikati.**

It-tielet talba attrici hija fis-sens li l-konvenut jigi kkundannat iwaqqa' u jnehhi l-kmamar u l-giebja li kkostruwixxa minghajr il-permess tas-sidien u jnehhi l-hamrija kollha li gab u li fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien moghti lilu huma jigu awtorizzati jaghmlu dawn ix-xogholijiet a spejjes tieghu.

F'dan ir-rigward gie sottomess mill-periti perizjuri li l-possessur prekarju ma huwiex "stricto lege" intitolat ghal hlas ta' kumpens ghall-benefikat eretti. B'dana kollu l-proposta ta' l-ewwel perit gudizzjarju li ssir riserva fil-konfront tal-konvenut ghall-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens ma ghandhiex tigi skartata u dan in bazi ghall-ekwita, mhux biss ghaliex id-distruzzjoni tal-istess benefikati ma jiggovax lill-ebda parti, izda wkoll ghax dawn jimmeritaw kumpens. F'dan is-sens ghalhekk, komplew l-istess periti, t-tielet talba tal-atturi ma ghandhiex tigi intrattenuta u ghandha ssir debita rizeva ghal kumpens lill-konvenut."

<u>**DIGRIET**</u>

Hu mehtieg li jigi senjalat illi fit-23 ta' Lulju 1997, l-ewwel Qorti tat digriet li bih giet michuda talba tal-konvenut sabiex iressaq eccezzjoni ulterjuri. Sussegwentement b'digriet iehor tas-27 ta' Marzu 1998, hi cahdet talba ohra tal-istess konvenut biex jinghata fakulta' li jappella minn dan id-digriet.

**IR-RIKORS TAS-6 TA' GUNJU 1997**

B'dawn id-digrieti gew provokati r-rikors tal-konvenut prezentat fis-6 ta' Gunju 1997 meta allura quddiem l-ewwel Qorti kienu diga' rrelataw kemm l-ewwel perit legali kif ukoll il-periti addizzjonali. Dan ir-rikors qed jigi riprodott biex wiehed ikun jista' sewwa japprezza l-import tal-appell li sar ukoll mid-digriet li bih l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri. Ir-rikors jaqra hekk :-

> "Illi l-esponenti jixtieq jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex iressaq eccezzjonmi ulterjuri, kif stqarr li ser jaghmel verbalment waqt is-seduta tal-4 ta' Gunju, qabel ma din il-kawza giet differita ghas-sentenza.
>
> Illi l-eccezzjoni ulterjuri hi fis-sens li mhux veru li l-esponenti ghandu biss titolu prekarju fuq l-art, imma ghandu titolu ta' lokazzjoni kif jixhdu l-annessi kopji ta' ircevuti (Dok A1 sa A15) uhud miktuba minn u kollha ffirmata minn Edgar Gatt, wiehed mill-atturi - l-esponenti jikkonferma li dawn il-kopji huma veri kopji tal-originali, liema original jinsabu fil-pussess tal-esponenti u jista' jurihom lill-Qorti jekk ikun il-kaz ; dawn l-ircevuti ikopru l-kera minn 1976 sal-1991.
>
> Illi l-esponenti ma semmihiex dawn l-ircevuti qabel peress illil-ftehim tal-kera sar biss ma' Edgar Gatt u martu, u dan tal-ahhar qallu biex ma jikxifx il-fatt tal-kirja mal-kopropejetarji l-ohra biex ma jkollux xi jghid mal-membri tal-familja l-ohra tieghu, u dan biex izomm il-flus ghalih. Fil-fatt, meta saret il-kirja, l-esponenti hallas ukoll Lm1000 lis-Sur Gatt, u qablu li, x'jigri x'jigri, l-esponenti mhux ser jitnehha mill-art sakemm imut.
>
> Illi issa l-esponenti induna li s-Sur Gatt mhux sejjer izomm kelmtu ghax qed jinsisti, flimkien ma' l-atturi l-ohra, illi l-esponent jigi zgumbrat immedjatament mill-art u, aktar, qed jippruvaw icahdu lill-esponenti mill-kumpens ghall-benefikati li l-esponenti ghamel fuq l-art, u dan nonostante li kien l-istess Edgar Gatt li qallu jgib il-hamrija u jirranga l-art biex tidher okkupata u ma tittiehidx mill-Gvern ghall-progett ta' 'Izra' u Rabbi ta' dak iz-zmien.

Illi l-esponenti ihoss li dawn il-provi ghandhom iwaqqghu l-kawza tal-atturi. Hekk kif l-esponenti kixef dawn l-ircevuti, l-avukat sottofirmat informa lill-avukat tal-atturi bil-prova li kellu w ppropona via ta' transazzjoni biex ma jbati hadd ; l-avukat tal-attur weghdu li kellu jitkellem mal-atturi u jaghtih risposta. L-avukat tal-atturi informa lill-avukat sottofirmat li kien tkellem mal-atturi u dawn kellhom jaghtuh risposta wara li jitkellmu bejniethom. Sal-ahhar mumenti qabel l-imsemmija seduta tal-4 ta' Gunju, l-avukat tal-atturi nforma lill-avukat sottofirmat li ma sema xejn mill-atturi u ma kellu ebda risposta x'jghaddilu. Ghalhekk, l-esponenti issoleva l-kwistjoni fis-seduta.

Illi l-esponenti jhoss li ghandu dritt fundamentali li jressaq il-prova fuq il-kirja li huwa jgawdi li hija manifesta bl-ircevuti annessi ; ovvjament, il-punt jekk l-esponenti jistax jissokta fil-kirja, huwa punt li jigi diskuss fi stadju iehor, izda, ghall-fini ta' din il-kawza, peress li jirrizulta b'mod car u konkret li l-esponenti igawdi titolu ta' lokazzjoni fuq l-art in kwistjoni, it-talba attrici li hu ghandu biss titolu prekarju ghandha tigi michuda. Il-kwistjoni li l-prova tressqet tard, tista' se mai, ikollha effett fuq il-kap tal-ispejjes, pero', l-esponenti jissottometti illi meta issa tirrizulta prova ta' kirja, din il-Qorti mhux biss ghandhga, ex officcio, kif titlob il-ligi, tissoleva n-nuqqas ta' kompetenza taghha, izda trid tiehu konjizzjoni tal-provi u tichad it-talba attrici. Il-lokazzjoni favur l-esponenti hija fatt li l-Qorti ma tistax tinjora, hi x'inhi l-iter proceduralì - ara bhala rifless fuq dan il-punt is -sentenza fl-ismijiet "Joseph Caruana vs Frances dei Conti Manduca", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1993.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza, tawtorizza lill-esponent iressaq nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri biex din tigi trattata u deciza skond il-ligi.”

Ma’ dan ir-rikors gew ipprezentati numru kbir ta’ ricevuti ghall-hlas ta’ kera ghat-territorju meritu ta’ l-kawza rilaxxjati favur il-konvenut mill-attur Edgar Gatt. `

**IR-RISPOSTA**

Utili wkoll li tigi registrata r-risposta tal-atturi appellati ghal dan ir-rikors.

> "Illi l-konvenut minghalih li l-Qorti loghba *poker.* L-ewwel jilgab il-karta tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena u jghid li sar is-sid, u meta jara li din il-karta mhux sejra tirnexxi, johrog wahda gdida u jghid li kien inkwilin u ghalhekk mhux veru li kien qed jokkupa l-art b'titolu prekarju kif hemm premess fic-citazzjoni tal-esponenti.
>
> Illi mhux accettabbli li f'dan l-istadju wara r-relazzjoni tal-ewwel perit u tal-periti addizzjonali li titqajjem eccezzjoni ulterju dwar l-allegat titolu tal-konvenut meta dan ovvjament *ex admissis* ma jistax jigi kunsiderat bhala fatt gdid jew li ma kienx jaf bih qabel.
>
> Illi l-esponenti jidhrilhom li l-eccezzjoni ulterjuri dwar it-titolu ta' lokazzjoni ma tistax tissusuti mal-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut ta' pussess *uti dominus* u tikkontradixxi wkoll id-dikjrazzjoni guramentata tieghu u tesponih ghal proceduri kriminali.
>
> Illi rikors tal-konvenut huwa bazat fuq gideb u allegazzjonijiet foloz dwar Edgar Gatt - li l-anqas mhu wiehed mill-komproprjetarji u hi l-mara tieghu Diana Gatt li ghandha sehem li wirtet minghand missierha. Anki kieku Edgar Gatt kien awtorizzat jaghti l-art b'titolu ta' lokazzjoni, dina l-lokazzjoni mhix renovabbli skond il-Kap 69 jew Kap 199 wara li taghlaq peress li si tratta ta' art rurali wzata ghall-kacca biss.
>
> Ghaldaqstant ir-rikors ghandu jigi michud."

**<u>DIGRIETI</u>**

B'digriet tat-23 ta' Lulju 1997, l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikolu 728 tal-Kap 12, ikkonsidrat illi ma kienitx sodisfatta li kien hemm raguni valida ghaliex l-eccezzjonijiet ulterjuri ma kienux gew moghtija, originarjament u cahdet it-talba. Sussegwentement wara r-rikjam da parti tal-konvenut illi dan id-digrieti kellu jinghad bil-miftuh u mhux kameralment anki biex

ikollu l-opportunita' jitlob illi, a tenur tal-artikolu 229 (3), jigi awtorizzat biex ikun jista' jappella minn tali digriet, l-ewwel Qorti, hekk elaborat dwar ic-cahda tat-talba tal-konvenut b'digriet sussegwenti tal-1 ta' Dicembru 1997, li wkoll ser jigu riprodotti partijiet relevanti tieghu.

> "Illi jkun utili ghal ahjar intendiment ta' dan id-digriet li wiehed jaghti fil-qosor hasra lejn il-kronologija tal-proceduri li jinsabu quddiem din il-Qorti.
>
> a. Fit-12 ta' Frar 1992, l-atturi bhala koproprjetarji ta' territorju f'Bingemma, istitwew proceduri kontra l-konvenut ghal izgumbrament tieghu mill-imsemmija art billi dan kien qed jokkupa l-istess art b'titolu prekarju stante li kienet giet moghtija lilu ghal kaxxa.
>
> b. Il-konvenut eccepixxa li l-atturi ghandhom fl-ewwel lok jippruvaw it-titolu taghhom u fin-nuqqas it-talba tigi michuda, u inoltre jekk jirrizulta li hemm kopropjetarji ohra tal-istess art hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju minhabba karenza ta' interess ta' l-atturi. Fil-meritu l-konvenut sostna li huwa kien il-proprjetarju ta' l-art billi kien okkupaha "uti dominus" ghal aktar minn erbghin sena.
>
> c. Ir-rapport peritali ta' Dr. Carmelo Vassallo u sussegwentement anke dak tal-periti addizzjonali, skarta l-eccezzjkonijiet kollha tal-konvenut u sar suggeriment li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, b'rizerva dwar kumpens li jista' jithallas lill-konvenut.
>
> d. Ir-rapport tal-periti addizzjonali gie mahluf fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 1997 u l-kawza giet imhollija ghat-trattazzjoni finali ghall-udjenza tal-4 ta' Gunju 1997. F'dik id-data l-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti w iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 1997.
>
> e. Jumejn wara t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet il-konvenut ipprezenta rikors, flimkien ma' diversi dokumenti konsistenti f'ricevuti ta' pagamenti allegatament maghmula minnu, fejn, wara li hu spjega li ghandu titolu ta' lokazzjoni fuq l-art in kwistjoni, talab li din il-Qorti tawtorizzah jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri w ghal dan il-fini tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

f. Dik il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tar-risposta tal-atturi, tal-atti tal-kawza u l-provvedimenti tal-artikolu 728 et seq tal-Kap 12 dehirilha li t-talba ma ghandhiex tigi milqugha "billi mhux sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi biex l-eccezzjonijiet ulterjuri ma kienux moghtija originarjament."

g. In effetti l-eccezzjoni gdida li ried iressaq il-konvenut kienet diametrikament opposta ghall-eccezzjoni fil-meritu gia' moghtija minnu fil-bidu tal-kawza li permezz taghha ipprova iccahhad id-dritt ta' l-atturi qua propjetarji fuq l-art in kwistjoni. Meta din ma rnexxietx il-konvenut ittanta jressaq eccezzjoni ohra biex jipprova li hu kellu titolu ta' lokazzjoni fuq l-art. Issa skond l-artikolu 728 tal-Kap 12 kull eccezzjoni fil-meritu ghandha tinghata fin-nota ta' eccezzjonijiet u ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza, jekk mhux wara li l-Qorti tkun sodisfatta li hemm ragunijiet validi 'il ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota ta' eccezzjonijiet jew fir-risposta.

h. Fid-dokumenti ezebiti mill-konvenuti mal-imsemmi rikors, liema dokumenti jirrisalu ghas-sena 1976, cioe' hafna snin qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, jirrizulta bl-aktar mod car li kull pagament li allegatament kien qed jinghata ghall-okkupazzjoni ta' l-rt in kwistjoni mill-konvenut, kien qed isir sabiex din l-art tintuza "for hunting purposes only". Meta wiehed ihares lejn il-premessi tac-citazzjoni mill-ewwel jinduna li l-atturi kienu qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghall-izgumbrament peress li l-konvenut kien qed jokkupa l-art b'titolu prekarju ghall-iskopijiet ta' kacca. Il-konvenut ghalhekk seta' facilment, fil-bidu tal-proceduri, hekk hekk deherlu, jeccepixxi titolu validu. Izda dan ma ghamilx hekk u ghazel li jittanta triq ohra u cioe' dik tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammonta ghal agir qarrieqai inkwantu l-konvenut, fid-data tal-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet kellu f'idejh dokumenti li jmorru kontra dak li huwa kien qed isostni fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu. Tali agir ma ghandux jigi tollerat. Kien proprju ghalhekk li din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut kif proposta fir-rikors tal-6 ta' Gunju 1997."

Dan id-digriet gie hekk riprodott ghaliex jaghti wkoll kronologija ta' l-iter processwali mill-aktar rilevanti biex jigi determinat l-aggravju tal-appellant.

**APPELLI**

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appella l-konvenut principalment u l-atturi incidentalment.

**L-APPELL PRINCIPALI**

Fl-appell tieghu l-konvenut hass ruhu aggravat bid-digrieti tal-ewwel Qorti li cahdulu t-talba biex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kif ukoll mis-sentenza finali tal-5 ta' Ottubru 1998. Hu talab ir-revoka tad-digrieti u f'kull kaz ir-revoka u/jew riforma tas-sentenza finali biex din tigi revokata in kwantu laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi u kkonfermata in kwantu cahdet it-tielet talba tal-istess atturi. Ic-cahda tat-tielet talba tal-atturi jifforma proprju l-mertu tal-appell accidentali tal-appellati.

Il-qofol tal-appell tal-konvenut hu illi hu hassu aggravat li l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni ghall-fatt li rrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza quddiemha illi hu kellu titolu legali ta' kera fuq l-art in kwistjoni. Il-bazi tal-azzjoni attrici kienet li hu kellu biss titolu prekarju u minn din it-talba tnisslet il-konsegwenza tat-talba ghall-izgumbrament. Una volta rrizulta li l-ewwel Qorti "ancorche in estremis" li l-appellant mhux titolu prekarju kellu izda titolu ta' lokazzjoni, it-talbiet attrici kellhom jigu michuda.

Dan l-aggravju, meqjus fil-fond tal-kronologija tal-fatti dwar l-iter processwali elenkati mill-ewwel Qorti appena citata, ma jistax ma jissorprendix ghall-isfrondatezza tieghu in kwantu l-appellant jaghzel li jibqa' jippersisti f'linja difenzjonali ghal kollox inaccettabbli, insostenibbli fil-ligi u gja' kategorikament kundannata mill-ewwel Qorti. L-appell hu kjarament frivolu u vessatorju. Jimmerita mhux biss li jigi respint imma wkoll li tigi komminata kontra l-konvenut appellant is-sanzjoni ta' doppia speze kif prevvist fl-artikolu 229 (9) tal-Kap 12.

Din il-Qorti ser tkun skematika u zbrigattiva fil-konsiderazzjoni taghha ghax il-kaz ma jimmeritax ahjar. Dan ukoll biex tirresisti t-tentazzjoni li tipprocedi ulterjorment f'sede ohra kontra l-konvenut li fil-fehma taghha abbuza mill-process gjudizzjarju u baqa' hekk sfaccatament jabbuza anki fi grad ta' appell b'agir li jirrezenta wkoll l-ispergur.

Din il-Qorti tqis is-segwenti :-

(a) Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu li takkumpanja n-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenut jiddikjara solennament illi "ghal dawn l-ahhar erbghin sena u aktar u interrottament it-territorju in kwistjoni kien fil-pussess komplet tal-konvenut "uti domino" u hekk ghadu fil-prezent u ghalhekk dan jappartjeni lilu esklussivament".

(b) L-appellant jikkonferma dan meta kellu gja' f'idejh allura u ghal snin qabel ma giet intavolata l-prezenti istanza numru kbir ta' ricevuti li, skond hu, jippruvaw li huwa kellu titolu ta' kera fuq il-proprjeta' meritu tal-kawza. Ricevuti li kienu jmorru lura almenu sal-1 ta' Jannar 1976 u jwasslu sal-31 ta' Dicembru 1991.

(c) L-appellant ghandu jqis ruhu furtunat li l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu biex jifformalizza l-eccezzjoni ulterjuri li xtaq jaghmel, fis-sens li hu kien qed jiddetjeni l-fond b'titolu ta' kera. Kieku hekk gara, din il-Qorti setghet tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti guramentati tal-appellant li ftit kienu jhallulha alternattiva fic-cirkustanzi biex ma tipprocedix kontra tieghu ghal gurament falz. Infatti l-unika raguni ghaliex din il-Qorti mhix qed tipprocedi ulterjorment f'dan ir-rigward – kif kien ikun altrimenti d-dmir taghha – hu l-fatt stramb illi wiehed mill-atturi Edward Gatt, li kien iffirma l-ircevuti rilaxxjati f'idejn il-konvenut appellant, injora ghal kollox il-fatt tal-allegata kirja li l-appellant kien f'posizzjoni li jivvanta ta' liema cirkustanza dan l-istess Gatt zgur kien a konnoxxenza.

(d) Proceduralment l-ewwel Qorti kienet certament korretta meta cahdet it-talba tal-appellant fi stadju inoltrat tal-kawza u meta dik kienet ser tigi differita ghas-sentenza, li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li kienet in effetti tisposta kompletament il-linja tad-difiza tieghu in kontestazzjoni tat-talbiet attrici. L-appellant ittanta jaghmel dan mhux

biss meta l-istadju tal-gbir tal-provi kien ilu zmien li gie konkluz, mhux biss wara li dawk il-provi gew evalwati mill-perit u mill-periti addizzjonali li lkoll irrelataw imma meta kien ovvju illi l-pretensjoni tal-appellant illi hu kien il-propjetarju eskluziv tat-territorju u li kien hekk sar propjetarju tramite l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali, kienet giet ghal kollox skredita. Anke li kieku dan ma kienx il-kaz u anke li kieku l-kaz tal-appellant kien wiehed genwin, it-talba tieghu li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri f'dak l-istadju kienet tikkozza mas-sub-inciz 10 tal-artikolu 158 tal-Kap 12 li jipprovdi illi "in-nota ta' eccezzjonijiet tista' wara li jingiebu l-provi tal-attur, u qabel ma l-konvenut igib il-provi tieghu, tigi emendata b'nota separata sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm b'zieda ta' eccezzjoni ohra bla hsara ghal dawn l-eccezzjonijiet li jistghu jinqalghu f'kull stadju tal-kawza". L-istadju li fih il-konvenut seta' allura bi dritt izid u jvarja n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu kien certament f'dan il-kaz ghalaq. Dan ukoll ghaliex l-eccezzjoni ulterjuri li jrid jissoleva l-konvenut ma kienitx wahda minn dawk illi setghu jitqajmu f'kull stadju tal-proceduri (artikolu 731 tal-Kap 12).

(e) Mill-banda l-ohra, m'hemm l-ebda dubju li dan mhuwiex kaz fejn kien hemm xi raguni anke remota ghaliex il-Qorti kellha takkorda fl-interss tal-gjustizzja li, tigi prezentata n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ghax kienet sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi li kienu jiggustifikaw lill-konvenut li ma jipprezentax l-istess tempestivament fl-istadju li tezigi

l-ligi. Zgur ma kienitx provokata minn xi fatti godda li gew a konnoxxenza tal-konvenut. Ghall-kuntrarju jekk il-fatti huma kif jippretendi hu, allura hu kien konsapevoli taghhom sa minn qabel ma bdiet il-kawza u l-eccezzjoni ulterjuri li ried iressaq kellha allura proprju tkun dik l-eccezzjoni li fuqha kellu jibbaza d-difiza tieghu u li kellu originarjament biha jopponi t-talbiet tal-atturi ghall-preza tal-fond.

(f) L-appellant allura manifestament ma ssodisfax li kellu raguni valida ghaliex dik l-eccezzjoni li hu kien jokkupa l-fond bid-dritt ta' inkwilinat ma kienx jissoleva qabel. L-appellant hekk kien obbligat li jaghmel fit-termini tas-sub-inciz 2 tal-artikolu 782 tal-Kap 12 biex il-Qorti tkun tista' tikkunsidra t-talba tieghu. FL-apprezzament gust tal-ewwel Qorti, l-konvenut dan m'ghamlux. Il-gustifikazzjoni li gab hija ghal kollox inacettabbli u ghandha riha qawwija ta' opportunizmu procedurali legali. Bizzejjed jinghad illi li kieku r-relazzjonijiet peritali kienu favur l-appellant, hu ma kien jiskrupla xejn li jhalli l-kawza tipprocedi b'meritu favorevoli ghalih, billi l-Qorti kienet eventwalment tiddikjara illi hu kien akkwista l-proprjeta' b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Dan meta kien jaf b'certezza illi mhux veru illi kien ipposjeda l-art "uti domino" ghaliex ghal bosta u bosta snin, skond hu, kien qed ihallas kera ghall-fond proprju lil wiehed mill-atturi appellati. Hu zejjed li jinghad li min jiddetjeni fond b'titolu ta' lokazzjoni – anke jekk biss pretiz – ma setgha qatt jipposjedi "uti domino" u konsegwentement ma seta' qatt jakkwista permezz tal-preskrizzjoni. Din il-Qorti altru li taqbel mal-

apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti meta cahdet it-talba tal-appellant biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri.

(g) Id-decizjoni tal-ewwel Qorti li hi wkoll ghal kollox korretta fil-meritu. Dan kien kaz mill-aktar car fejn kellu jigi applikat il-massima bazilari tad-dritt procedurali illi “selecta una via non datur recursus ad alteram”. Una volta l-parti f’kawza tkun ghazlet triq ta’ difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kif ukoll bhala konvenut, u procediet fuqhom bil-prezentata ta’ azzjoni jew eccezzjoni, ma kienx konsentit lil dik il-parti illi f’dawk l-istess proceduri tibdel il-linja difenzjonali taghha. Ma kienx hekk permess li taghmel f’kull kaz imma zgur li ma seta’ jigi accettat qatt li jekk isir meta l-bidla fil-linja difenzjonali proposta bl-eccezzjoni ulterjuri tkun tali li tbiddel kompletament il-bazi tad-dritt li biha l-konvenut jkun qed jiddefendi ruhu u anzi tkun in kontradizzjoni netta maghha. Din il-Qorti tirritjeni infatti illi l-eccezzjoni ulterjuri proposta mill-konvenut appellant illi hu kien qieghed jiddetjeni l-fond f’titolu ta’ lokazzjoni, kienet inammissibbli gjuridikament ghaliex kienet inkompatibbli mal-eccezzjoni li diga’ kien taha illi hu kien il-propjetarju tal-fond. Iz-zewg eccezzjonijiet allura ma jistghux jinghataw mill-istess detentur tal-immobbli. U dana apparti kull konsiderazzjoni ovvja dwar l-attendibbilita’ u il-kredibbilita’ tieghu. L-appellant imbaghad ma jara xejn stramb fil-fatt li anke fil-motivazzjoni tar-rikors tal-appell tieghu jibqa’ jinsisti illi c-cirkostanzi kienu tali illi ma kien hemm xejn x’jostakola d-dikjarazzjoni mill-Qorti li hu kien qieghed jipposjedi l-fond “uti

dominus" u li dan il-pussess tieghu kien wiehed kontinwu u ininterrott ghal bosta snin. Naturalment ghax hekk kien jaqbillu jghid meta gie biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-hlas ta' kumpens ghall-benifikati minnu maghmula.

(h) Din il-Qorti tqis allura li l-ewwel Qorti agixxiet b'mod l-aktar korrett. Tikkunsidra biss illi meta cahdet it-talba tal-konvenut ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, hi kellha wkoll tordna l-isfilz tad-dokumenti annessi mill-konvenut ma' dak ir-rikors u prezentati minnu fl-atti ta' din il-kawza. Prezentata serotina li biha l-konvenut ittanta jintroduci provi godda fil-process meta l-istadju ghal dan il-fini kien ilu li nghalaq u dana minghajr ma jitlob qabel preventivament l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Una volta l-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut appellant, hi kellha wkoll tordna l-isfilz ta' dawn id-dokumenti mieghu ezebiti. Dawn kienu altrimenti jikkostitwixxu prova tal-kontenut taghhom. Prova li kienet inammessibbli f'dan l-istadju proprju ghaliex kienet certament accessibbli ghall-konvenut fi zmien proprju meta kien qieghed jipproduci l-provi tieghu. Din il-Qorti qeghda allura tordna prezentement b'din is-sentenza l-isfilz ta' dawk id-dokumenti u dan ghar-raguni wkoll illi altrimenti setghu, jew kellhom, jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-evalwazzjoni tal-aggravju tal-appellant. Irrespittivament pero' minn din l-ordni issa moghtija, l-ewwel Qorti gjustament skartat din il-prova ghaliex ma kienitx giet minnha awtorizzata. Kellu allura japplika l-principju illi "quod est in actis non est

in mundo" u ghamlet sewwa l-ewwel Qorti illi fil-motivazzjoni taghha fis-sentenza appellata ma ghamlet l-ebda riferenza ghal dawn l-ircevuti u ghat-titolu ta' lokazzjoni vantat mill-appellant.

(i) Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, hi ghal kollox insostenibbli s-sottomissjoni tal-appellant fir-rikors tal-appell li l-ewwel Qorti kellha tinvestiga il-pussess tal-konvenut u n-natura tieghu, anke fid-dawl ta' din il-lokazzjoni pretiza, una volta kienu rrizultawlha fatti godda dwar lokazzjoni imgedda ghall-aktar minn ghaxar snin. Mhux veru pero' illi l-Qorti kienu rrizultawlha fatti godda. Fatti godda setghu biss jirrizultaw lill-Qorti mill-provi u provi quddiemha f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ma kellhiex. Lanqas ghandha din il-Qorti. Stabbilit dan il-bazi kollu tal-appell tal-konvenut jiggarraf.

(j) Hi wkoll ghal kollox skorretta s-sottomissjoni tal-appellant li l-ewwel Qorti ghamlet hazin meta cahditlu d-dritt li jittratta fuq il-kirja li kellu favur tieghu izda fl-istess hin "uzat" dik il-krija biex tiddeciedi l-kawza kontra tieghu. Qari tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq registrata, kellha facilment turi illi c-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant kienet bazata fuq konsiderazzjonijiet ghal kollox indipendenti mit-titolu ta' kera vantat in extremis minnu. Daqstant iehor hija insostenibbli s-sottomissjoni tal-appellant illi "din il-Qorti ma tistax tinjora <u>l-fatt</u> illi l-esponenti kellu titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond. Darba <u>l-fatti jirrizultaw</u>, anchorche' fi stadju inoltrat tal-kawza, dak <u>il-fatti</u> ma jistghux

jigu injorati" (sottolinjar tal-Qorti). Insostenibbli proprju ghaliex kif inghad dawk il-fatti ma rrizultawx u ma kienux quddiem il-Qorti. Li mbaghad tikkwalifika decizjoni korretta tal-Qorti mehuda proprju fl-interess tal-gjustizzja u biex ma jigux pregjudikati l-atturi u biex il-process ma jigix znafrat u abbuzat bhala "formalizmu" li "jippermetti li Qorti tinjora l-verita'" hu l-kolmo tal-wicc tost u kwazi jirrazenta d-disprezz.

L-appell tal-konvenut jimmerita ghalhekk li jigi michud u kwalifikat bhala wiehed frivolu u vessatorju, intiz biss biex l-appellant jakkwista zmien prezzjuz u jibqa' fil-pussess ta' proprjeta immobbli, tul is-snin ta' trattazzjoni ta' dan l-appell meta kien aktar minn ovvju li hu ma kellu l-ebda titolu biex hekk jaghmel. Kien ghalhekk li din il-Qorti tqis gust illi tippenalizza l-konvenut appellant bid-doppie spese ta' dan l-appell filwaqt li tinnota li din ic-cirkustanza kellha wkoll tittiehed in konsiderazzjoni meta u jekk tigi konsidrata favorevolment it-talba tal-appellant ghall-hlas tal-benefikati minnu eretti fil-fond.

**L-APPELL INCIDENTALI**

L-atturi appellaw incidentalment, in parte, mis-sentenza tal-ewwel Qorti limitatament ghat-tielet talba attrici li giet michuda mill-ewwel Qorti. F'din it-talba huma kienu talbu li l-konvenut jigi kundannat iwaqqa' u jnehhi l-kmamar u l-giebja li kostruwixxa minghajr il-permess tas-sidien

u jnehhi l-hamrija kollha li gab u, fin-nuqqas li jaghmel dan fi zmien lilu moghti, li huma jigu awtorizzati jaghmlu dawn ix-xogholijiet ghal spejjez tieghu. Kemm l-ewwel perit legali kif ukoll il-periti addizzjonali hassew li dawn ix-xogholijiet kellhom jitqiesu bhala benifikati u li ghalkemm stricto lege possessur b'titolu prekarju ma ghandux dritt ta' kumpens ghall-benefikati minnu eretti, dawn kellhom jibqghu hemm abbazi ta' l-ekwita' u komplew allura jirriservaw kull dritt spettanti lill-konvenut ghall-kumpens ghalihom.

L-atturi jissottomettu illi kollox juri li l-ftehim kien li l-konvenut kien inghata permezz juza t-territorju in kwistjoni ghall-kacca u dan jirrizulta wkoll mill-allegati ricevuti li ttanta jipprezenta l-konvenut (issa minn din il-Qorti sfilzati). L-allegati benifikati kienu kollha in konnessjoni ma' xoghol ta' agrikoltura u allura ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-kacca. L-argument tal-atturi fis-sens illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi l-konvenut kien qed jiddetjeni l-immobbli b'titolu prekarju. L-artikolu 1841 tal-Kodici Civili jipprovdi li r-regoli tal-kuntratt tal-kommodat jghoddu ghal prekarju. Is-sub-inciz 2 tal-artikolu 1827 jipprovdi illi persuna li ghandha titolu ta' kommodat ma tistax, taht piena ta' danni, tinqeda bil-haga ghal uzu iehor minn dak li ghalih ghandha sservi kif turi l-haga nnifisha jew minn dak li jkun stabbilit fi ftehim. L-artikolu 1833 finalment jipprovdi illi jekk sabiex jinqeda bil-haga mislufa, l-kommodatarju jkun ghamel xi spiza, hu m'ghandux jedd ghall-hlas lura ta' dik l-ispiza.

Din il-Qorti ma jidhruliex pero' illi dan l-appell ghandu jigi milqugh. Apparti l-kwistjoni jekk ix-xogholijiet maghmula mill-konvenut, kwalifikati bhala benifikati mill-periti nominati mill-ewwel Qorti, kienux jew le jikkwalifikaw bhala spiza fit-termini tal-artikolu 1833, hu car illi l-aggravju tal-atturi hu kollu kemm hu bazat fuq investigazzjoni dwar l-uzu li ghalih inghata l-pussess tal-fond lill-konvenut dan indipendentement mit-titolu ta' tali pussess. Uzu li necessarjament jinvolvi indagini, u allura element ta' prova, mhux biss dwar il-ftehim innifsu imma wkoll dwar l-attivita' li materjalment kienet qed tigi kondotta mill-konvenut fil-fond de quo.

Dan ukoll biex jigi stabbilit jekk tali pussess setax jitqies li kien in buona fede jew in mala fede jew jekk l-uzu mghamul mill-fond kienx skond il-ftehim jew le. Cirkostanzi dawn li kollha jistghu jkunu relevanti biex jigi determinat liema disposizzjonijiet tal-ligi kienu applikabbli fil-konsiderazzjoni tat-talba li l-konvenut seta' jipprospetta li jaghmel ghall-kumpens ghal dak li hu jikkonsidra li huma benefikati minnu maghmula fil-fond fil-pussess tieghu. Li qed jigi allura deciz f'din il-kawza hu biss illi ma kienx hemm lok li l-konvenut jigi kundannat jirrinwovi l-kostruzzjonijiet li hu ghamel fil-fond u l-hamrija li hu xehet fuqu in kwantu l-periti kkonsidraw dawn ix-xogholijiet bhala benifikati maghmula fih mill-konvenut bhala possessur – illum mhux legittimu pero' seta' kien legittimu meta ghamilhom. Kienet allura gusta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tillimita d-decizjoni taghha fuq din it-talba kif

proposta u illi jibqa' riservat lill-konvenut kull dritt li jista' jkollu ghall-kumpens siet quatenus naturalment f'azzjoni apposita minnu proposta, f'liema azzjoni jigu ndagati l-aspetti legali u fattwali li kellhom jirregolaw ir-radd tal-oggett u l-kumpens li seta' jkun intitolat ghalih il-possessur. Dan apparti l-konsiderazzjoni ta' ekwita li jidher ukoll li mmotivat l-ewwel Qorti u li ghandha il-piz taghha. L-appell incidentali ma jirrizultax ghalhekk sostnut fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

1. Tichad l-appell principali tal-konvenut bl-ispejjez jithallsu minnu b'dan li hu kundannat li jhallas spejjez doppji a termini tas-sub-inciz 9 tal-artikolu 229 tal-Kap 12 billi l-appell qed jigi dikjarat li hu frivolu u vessatorju

2. Tichad l-appell incidentali tal-atturi bl-ispejjez jithallsu minnhom.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward tal-meritu kif ukoll fir-rigward tal-ispejjez bit-terminu ta' xahar stabbilit mill-ewwel Qorti ghall-ingumbrament kellu jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

mg